Diff: 10/04/2002

**TRIBUNAL GHAT-TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR:**
**Dr Audrey J. Demicoli LL.D.**

**Avviz numru 1834/01AJD**

**Middle Sea Insurance Agency Plc**

**vs**

**Scardaci Salvatore**

**Seduta mizmuma illum it-Tnejn, 18 ta' Marzu 2002**

**Emanuel Bezzina prodott mis-socjeta attrici, bil-Malti, bil-gurament tieghu jghid:**

**Fl-10 ta' Jannar, 2000, jiena kelli il-vettura tieghi tal-marka Pegeuot 405 bin-numru tar-registrazzjoni AAM 945 ipparkjata quddiem ix-**

**'showroom' f'Imdina Road Haz-Zebbug. F'hin minnhom kien hemm van abjad bin-numru tar-registrazzjoni HAF 665 li waqaf ghaliex wara sirt naf mis-sewwieq li kien Taljan, li kien il-konvenut li huwa kien qed ixomm rieha ta' hruq fil-van u ghalhekk waqqaf il-van xi hamsin metru il-boghod minn fejn kienet ipparkjata il-vettura tieghi u l-van mexa wahdu u baqa diehel fil-vettura tieghi li kif diga ghidt qabel kienet ipparkeggjata.**

**Jien il-van tal-konvenut rajtu diehel fil-vettura tieghi mix-'showroom'. Meta dahal fil-vettura tieghi, jien rajt il-van idahhan. Il-konvenut lili qalli illi meta waqfu tefa il-magna izda qalli li l-magna kienet startjat wahieda u ghalhekk mexa il-van u habat fil-vettura tieghi.**

**Nghid illi fil-lokalita kien hemm nizla. Il-vettura tieghi kienet assikurata taht polza comprehensive tas-socjeta attrici li ghalhekk ghamlet tajjeb ghall-hsarat sofferti mill-vettura tieghi. Jien hallast Lm 80 excess.**

**Il-kontro-ezami riservat.**

**Din hija is-sustanza tax-xhieda ta' Emanuel Bezzina dettata mit-Tribunal fil-presenza tax-xhud.**

**Niddikjara li ttraskrivejt fis-sewwa u fedelment u fl-ahjar taghrif u hila tieghi r-registrazzjoni tat-tape.**

**Vincent Cauchi**
**Traskrittur**